MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Numru. 447/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Vs**

**CATHERINE CARUANA**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata **Catherine Caruana** detentrici tal-karta ta' l-identita` numru **425865M**, imwielda fil-5 ta' Settembru 1965, Pieta', bint Joseph Bugeja u Giorgia nee' Francica, residenti Blk G, Flat 4, Triq Giovanni Barbara, Hamrun, giet akkuzata talli : ***f'dawn il-Gzejjer fit-23 ta' Jannar 2013 u fil-gimghat ta' qabel mill-fond 'Villa Amodeo', Numru 78, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, Malta, ikkommettejt serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Nazzareno Vassallo ID:19452M u/jew persuni ohra,***

***liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jaqbez l-€232.94 izda inqas minn €2330, u bil-persuna***;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament ;

Rat li, fl-udjenza ta' llum 18 ta' Frar 2014, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata anki wara li inghatat z-zmien skond il-Ligi sabiex tirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputata irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni migjuba kontra taghha, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputata, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni migjuba kontra taghha tinsabu sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjaraha hatja taghha.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor, u li rrizultaw sodisfacentement quddiem din il-Qorti, li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. L-imputata kienet impjegata mas-socjeta ta` Nazzareno Vassallo u xogholha kienet biex tnaddaf. Fit-23 ta` Jannar 2013 u fil-gimghat ta` qabel, waqt il-qadi tad-dmirijiet taghha, gewha momenti hziena fuqha fejn ghelbitha t-tentazzjoni u hadet xi flus kontanti propjeta` ta` Nazzareno Vassallo u naturalment giet li hija serqitlu dawn il-flus; li komplessivament kienu jammontaw ghal circa €1900. Sussegwentement, u wara rapport li kien sar, l-imputata giet mitluba tersaq ghall-investigazzjoni u minnufih ammettiet dak li kienet ghamlet, skuzat ruhha fl-interrogatorju u ddikjarat li kien iddispjacieha ta` dak li ghamlet. Sa ftit xhur wara hija rritornat il-flus li kienet hadet u ghalhekk Nazzareno Vassallo gie li ha flusu lura.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali tal-hatja, li ghalkemm mhux xi wahda refrattarja, hi wahda li ggieghel lill-Qorti tammonixxi serjament lill-imputata;
b. il-fatt li Catherine Caruana hallset lura l-ammont kollu li kienet hadet minghand u propjeta` ta` Nazzareno Vassallo;
c. l-ammissjoni bikrija ta` Catherine Caruana li, ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f’dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b’din is-sentenza;
d. il-fatt li Catherine Caruana gharrfet li zbaljat sew u ddispjacieha ghal dak li ghamlet;

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b’rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru ta` Catherine Caruana, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 261(c)(d), 267, 268(a), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lil Catherine Caruana hatja ta’ l-imputazzjoni kif dedotta kontra taghha u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Catherine Caruana bil-kondizzjoni li ma taghmel ebda reat matul il-

perjodu ta` tlett snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Catherine Caruana fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk hija taghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------